MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2007

Numru. 681/2006

Il-Pulizija
(Spettur Stephen Gatt)

vs

Johann Aquilina

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Johann Aquilina, ta’ 27 sena, iben Lawrence u Maria Dolores Muscat, imwieled H’Attard fil-5 ta’ Mejju, 1979 u joqghod “Tres Jolie”, Triq Markiz J Scicluna, Santa Venera, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 235179M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli :-

(a) matul il-gurnata tal-14.10.2005 gewwa l-fond maghruf bhala Middleway, Triq J. Borg, Pieta’ bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm

jew issekwestra lil Daniela Borg kontra l-volonta’ taghha, jew ta l-post biex fih Daniela Borg tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata. Dan bi ksur tal-artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(b) Talli fil-15 ta’ Ottubru, 2005 u l-14 ta’ Ottubru, 2005 b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiskru l-istess disposizjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, gewwa l-Pieta’ ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Daniela Borg hekk kif iccertifika Dr David Fenech M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana. U dan bi ksur tal-artikoli 221 u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(c) Talli fil-15 ta’ Ottubru, 2005 gewwa l-Pieta’ uza xi sistema jew apparat ta’ telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew u dan billi hedded bi kliem lil Maria Borg. Dan bi ksur tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(d) Talli fit-23 ta’ Ottubru, 2005 u granet qabel gewwa l-Pieta’, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizolzzjoni wahda, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lil Daniela Borg fil-pussess ta’ hwejjigha jew b’xi mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejjigha. Dan bi ksur tal-artikoli 18 u 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(e) Talli fil-15 ta’ Ottubru, 2005 u xhur qabel gewwa l-Pieta’, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiskru l-istess disposizjoni bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-giegh ta’ Daniela Borg, wegghaha bi kliem, b’gesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor. Dan bi ksur tal-artikolu 18 u 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 17 ta’ Lulju, 2006 sabiex din il-kawza tigi

trattata u deciza bi procedura sommarja, liema dokument jinsab esebit a *folio* numru 5 tal-process.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar is-26 ta’ Lulju, 2007 (*folio* 12 tal-process) *ai termini* ta’ l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-parte civili, Daniela Borg ddikjarat li qed tirrinunzja ghall-azzjonijiet kriminali fil-konfront ta’ l-imputat u dan fis-seduta tas-26 ta’ Lulju, 2007.

Ghaldaqstant, il-Qorti, minhabba nuqqas ta’ provi qed tillibera lill-imputat mill-ewwel u t-tielet akkuzi stante r-rinunzja da parti tal-parti civili, Daniela Borg tiddikjara l-procedimenti ezawrit in kwantu jirrigwarda t-tieni, r-raba’ u l-hames akkuzi u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------